**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
Frar 2013

| Il-ĦAMES SENA | IL-MALTI (IL-FEHIM MIS-SMIGĦ) | IL-ĦIN: 30 minuta |
|---|---|---|

**Il-karta tal-Għalliema**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

**Ir-Riżorsi:**
1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | • Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.<br>• Ser tinqralhom l-istorja **Qalb Ġeneruża**.<br>• Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>• Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | **5 minuti** |
| 2 | • Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.<br>• L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. | **5 minuti** |
| 3 | • Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>• Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **5 minuti** |
| 4 | • Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.<br>• Għandhom iwieġbu skont kif mitlub.<br>• Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **6 minuti** |
| 5 | • Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>• Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **5 minuti** |
| 6 | • Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **4 minuti** |

**Qalb Ġeneruża**

Ġurnata fost l-oħrajn Martha u ommha ddeċidew li jmorru jixtru l-Belt Valletta. Biex imorru din id-darba kellhom jirkbu l-karozza tal-linja. Martha kienet tħobb tiltaqa' man-nies. Tfal, żgħażagħ, anzjani, irġiel u nisa. Fuq il-karozza tal-linja kien hemm kważi minn kollox. Min kien qiegħed jaqra l-gazzetta, min bil-ħedfowns jisma' xi diska, min jilgħab bil-mowbajl, insomma kulħadd mehdi jagħmel xi ħaġa.

Hekk kif telgħu fuq il-karozza tal-linja, ħallsu lix-xufier, ħadu l-biljetti mill-magna, u sabu post.

Omm Martha qaltilha, "Issa poġġi hawn u tqumx minn bilqiegħda, jitla' min jitla'."

Martha ma' dan il-kliem baqgħet tħares lejn ommha u ma qalet xejn. Iżda ommha lanqas biss spiċċat li ma telgħetx mara anzjana milwija ganċ u b'rogħda kbira fuqha. L-anzjana ma kellhiex fejn toqgħod u spiċċat titbandal 'l hemm u 'l hawn fil-passaġġ.

Martha ma felħitx tara lil dik l-anzjana tbati. Xtaqet ħafna li tobdi lil ommha imma demmha ma tahiex. Bla ma ħasbitha darbtejn qabżet bħal molla minn bilqiegħda biex tkun tista' tpoġġi l-anzjana.

"Tista' tpoġġi hawn, Sinjura," qaltilha Martha.

"Grazzi ħafna tal-qalb tajba li għandek. Saqajja m'għadhomx li kienu," weġbitha l-anzjana hekk kif intasbet bilqiegħda ħdejn omm Martha.

"X'jismek?" staqsietha l-anzjana hekk kif għolliet wiċċha 'l fuq.

"Jisimni Martha," wieġbet it-tifla.

"Grazzi mill-ġdid Martha," reġgħet tenniet l-anzjana.

Għajnejn Martha ltaqgħu ma' t'ommha u Martha setgħet tara li ommha kien iddispjaċiha ta' dak il-parir li kienet tatha ftit qabel. Martha tbissmitilha biex turiha li kienet fehmitha.

Kien għadhom kif waslu l-Belt meta x-xufier żamm brejk qawwi li tefa' lil dawk kollha li kienu bilwieqfa fl-art. B'xorti tajba ħadd ma weġġa'.

"Weġġajt binti?" staqsiet imbeżżgħa' omm Martha.

"M'għandi xejn, Ma!" wieġbet Martha.

Hekk kif waslu l-Belt Valletta, Martha u ommha għenu lill-anzjana tinżel l-istaffa tal-karozza tal-linja.

"Grazzi mill-ġdid. Martha, jien u int forsi għad nerġgħu niltaqgħu," qalet l-anzjana u telqu għal għonq it-triq.

(Silta minn *Kull qalb trid oħra* ta' Doris Spiteri Axiaq)

Immarka (✓) fil-kaxxa t-tajba.

L-Ewwel Parti

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Martha u ommha ddeċidew li jmorru | | Buġibba. |
| | | | l-Belt Valletta. |
| | | | tas-Sliema. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | Fuq tal-linja kien hemm | | irġiel u tfal biss. |
| | | | żgħażagħ u nisa biss. |
| | | | minn kollox. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | Kif telgħu fuq il-karozza tal-linja | | ħallsu lix-xufier u sabu post. |
| | | | poġġew bilqiegħda u ħallsu l-biljett. |
| | | | ħallsu lix-xufier, ħadu l-biljetti u sabu post. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | Omm Martha qaltilha biex | | tpoġġi u tqum jekk jitla' xi ħadd anzjan. |
| | | | tpoġġi u ma tqum lil ħadd. |
| | | | tpoġġi u tqum jekk jitla' xi ħadd. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | Il-mara anzjana kienet | | milwija ganċ u bil-bastun. |
| | | | milwija ganċ u b'rogħda kbira fuqha. |
| | | | milwija ganċ u bla saħħa. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | Martha xtaqet tobdi lil ommha | | u baqgħet bilqiegħda. |
| | | | u ma tatx kas. |
| | | | imma demmha ma tahiex. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. | Omm Martha | | rrabjat magħha u ħarset bl-ikrah. |
| | | | rrabjat magħha imma ma qalet xejn. |
| | | | ddispjaċiha ta' dak il-parir. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8. | Ix-xufier żamm | | brejk qawwi u ħabat ma' karozza. |
| | | | brejk qawwi u tefa' lil kulħadd barra. |
| | | | brejk qawwi u tefa' lil kulħadd fl-art. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9. | Omm Martha staqsietha | | jekk weġġgħatx. |
| | | | jekk ħabtitx rasha. |
| | | | jekk ġralhiex xi ħaġa. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. | Kif waslu l-Belt, Martha u ommha | | għenu lix-xufier. |
| | | | għenu lill-anzjana tinżel mill-karozza. |
| | | | telqu jixtru. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. | L-anzjana qalet lil Martha li | | jerġgħu jiltaqgħu u jitkellmu. |
| | | | jerġgħu jiltaqgħu żgur. |
| | | | forsi għad jerġgħu jiltaqgħu. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. | **"Għal għonq it-triq"** tfisser | | l-għonq tat-triq. |
| | | | bdew mexjin. |
| | | | l-għonq tal-flixkun. |

(12 il-marka)

It-Tieni Parti

Immarka b'(✓) fejn hu Veru jew Falz:

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 13. | Din id-darba kellhom jirkbu l-karozza tal-linja. | | |
| 14. | **Kulħadd mehdi jagħmel xi ħaġa** tfisser ħadd m'għandu x'jagħmel. | | |
| 15. | Ommha qaltilha biex tqum minn bilqiegħda. | | |
| 16. | **Għajnejn Martha ltaqgħu ma' t'ommha** tfisser li ħarsu lejn xulxin. | | |
| 17. | **Martha ma felħitx tara lil dik l-anzjana tbati** tfisser li ħasset għaliha. | | |
| 18. | **Milwija ganċ** tfisser li kellha ganċ f'idejha. | | |
| 19. | Martha u ommha għenu lill-anzjana tinżel l-istaffa tal-karozza. | | |
| 20. | Martha għallmet lil ommha tkun altruwista. | | |

(8 marki)

**TMIEM IL-KARTA**